Il-Bibbja qisha ittra twila miktuba minn Alla għalina. Ittra ta' mħabba! Fiha hemm stejjer li nistgħu nitgħallmu minnhom. Jekk ikollna xi ġurnata ħażina, il-Bibbja tista' tgħinna wkoll. Hemm ħafna versi li jgħinuna nħossuna aħjar u hemm ħafna aktar versi li juruna kemm Alla jħobbna.

Fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd naqraw u nisimgħu erba' biċċiet qari mill-Bibbja. Dawn ikunu meħudin mit-Testment il-Qadim u mit-Testment il-Ġdid.

L-ewwel Qari: normalment mit-Testment il-Qadim.

Is-Salm Responsorjali: normalment mis-Salmi li nsibu fit-Testment il-Qadim.

It-Tieni Qari: mit-Testment il-Ġdid, silta minn xi ittra jew mill-Atti tal-Appostli

L-Evanġelju: silta minn wieħed mill-erba' Evanġelji. (mit-Testment il-Ġdid)

Ġesù qalilna li l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla. Mela qed jagħtina garanzija li jekk naqraw il-Bibbja u nisimgħuha kuljum fil-quddiesa, ser ngħixu ħajja kif jixtieqna hu.

Niżżel hawnhekk il-qari tal-Ħadd li ġej u ipprova ifhem Alla x'qed jgħid illum :

L-Ewwel Qari:

___

Is-Salm Responsorjali:

___

It-Tieni Qari:

___

L-Evanġelju:

___